

2. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żabll meta kkonkludiet li l-miżuri ta' għajnuna mogħtija lil Femern A/S għall-konnessjoni fissa huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Il-Kummissjoni wetqet żball ta' l-ġiġi u żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkonstatat li l-proġetti ta' konnessjoni fissa ta' Fehmarn kien ta' natura ta' interessa Ewropew komuni u billi kkonkludiet li l-għajnuna kienet neċċessarja u proporzjonata. Il-Kummissjoni wettqet ukoll żball ta' l-ġiġi u żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni ta' distorżjonijiet tal-kompetizzjoni indebiti u l-kriterju ta' ibbilançjar u fir-rigward tal-mobilizzazzjoni tal-garanziji tal-Istat.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Ir-rikorrenti ssostni li jeżistu indizji ta' diffikultajiet gravi marbuta mat-tul u ċ-ċirkustanzi tal-proċedura ta' eżami preliminari. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tinvoka n-natura insuffiċċienti u inkompelta tal-analiżi dwar il-finanzjament mogħti lil Femern A/S għall-konnessjonijiet ferrovjarji Daniżi maż-żoni interni, fir-rigward tan-natura ta' interessa Ewropew komuni tal-proġetti ta' konnessjoni fissa ta' Fehmarn, fir-rigward tan-neċċessità u tal-proporzjonalità tal-għajnuna mogħtija u fir-rigward tal-[prevenzjoni] tad-distorżjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni kif ukoll tal-kriterju ta' ibbilançjar.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma osservatx l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni. Il-Kummissjoni ma pprovdietx raġunijiet fir-rigward tal-konnessjonijiet ferrovjarji Daniżi maż-żoni interni, fir-rigward tan-natura ta' interessa Ewropew komuni tal-proġetti ta' konnessjoni fissa ta' Fehmarn, fir-rigward tan-neċċessità u tal-proporzjonalità tal-għajnuna u fir-rigward tal-[prevenzjoni] tad-distorżjonijiet indebiti tal-kompetizzjoni kif ukoll tal-kriterju ta' ibbilançjar.

---

#### Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2015 – Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea

(Kawża T-673/15)

(2016/C 059/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Guardian Europe Sàrl (Bertrange, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: F. Louis, avukat, u C. O'Daly, Solicitor)

Konvenuti: L-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

#### Talbiet

- (1) tordna l-ħlas ta' kumpens lir-rikorrenti għad-danni segwenti kkawżati minħabba n-nuqqas tal-Qorti Ġenerali li tiddeċċiedi fi żmien raġonevoli: (a) spejjeż ta' garanzija li jammontaw għal EUR 936 000; (b) spejjeż ta' opportunità/telf ta' qligħ li jammontaw għal EUR 1 671 000; u (c) danni morali li jammontaw għal EUR 14,8 miljun;
- (2) iżżejjid l-interessi fuq l-ammonti mitluba taħt l-ewwel talba, sa fejn rilevanti, skont ir-rata medja applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjoniċċi prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid fiż-żmien rilevanti, miżjudha b'żewġ punti;
- (3) tordna l-ħlas ta' kumpens lir-rikorrenti għad-danni segwenti li hija ġarbet minħabba l-ksur, mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament: (a) spejjeż ta' garanzija li jammontaw għal EUR 1 547 000; (b) spejjeż ta' opportunità/telf ta' qligħ li jammontaw għal EUR 9 292 000; u (c) danni morali li jammontaw għal EUR 14,8 miljun;
- (4) iżżejjid l-interessi fuq l-ammonti mitluba taħt it-tielet talba, sa fejn rilevanti, skont ir-rata medja applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjoniċċi prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid fiż-żmien rilevanti, miżjudha b'żewġ punti; u

— (5) tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż marbuta mar-rikors tagħha.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-rikorrenti għandha d-dritt li tingħata kumpens mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE peress li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tagħha taħt l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għal qoti ta' sentenza fi żmien raġonevoli. In-nuqqas li tingħata deċiżjoni fi żmien raġonevoli kkawża tliet tipi ta' telf bejn it-12 ta' Frar 2010 u s-27 ta' Settembru 2012: (1) żieda fl-ispejjeż marbuta ma' garanzija bankarja għall-ammont tal-multa li r-rikorrenti ma ħallsitx immedjatament lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru C(2007)5791 finali, tat-28 ta' Novembru 2007, fil-Każ COMP/39165 – Ħġieġ ċatt; (2) spejjeż ta' opportunità peress li r-rata baxxa ta' interassi fuq l-ammont tal-multa mhalla lura tardivament lir-rikorrenti wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2014 kienet ħafna iktar baxxa mill-qligħ potenzjali li r-rikorrenti setgħet tikseb li kieku, minnflok ħallset din is-somma lill-Kummissjoni fl-2008, hija investiet tali somma fin-negozju tagħha; u (3) danni morali minħabba l-fatt li d-deċiżjoni imponiet b'mod żbaljat l-oħla multa fuq ir-rikorrenti f'Novembru 2007, u minħabba n-nuqqas tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fi żmien raġonevoli, fejn tali nuqqas ġie rrimedjat biss tardivament mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Novembru 2014.
  
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li r-rikorrenti għandha d-dritt li tingħata kumpens mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE peress li kemm il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-Qorti Ġenerali kisru manifestament il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ddiskriminaw kontra r-rikorrenti. Id-Deċiżjoni Nru C(2007)5791 finali, tat-28 ta' Novembru 2007, fil-Każ COMP/39165 – Ħġieġ ċatt, eskludiet b'mod żbaljat il-bejgħ ristrett [captive sales] fil-kalkolu tal-multi imposti fuq id-destinatarji l-oħra tad-deċiżjoni u naqset milli tirrimedja għad-diskriminazzjoni sussegħenti kontra r-rikorrenti, li, bħala proddutriċi mhux integrata, ma kellha l-ebda bejħi ristrett. Il-Qorti Ġenerali aggravat l-iżball tal-Kummissjoni billi kkonfermat l-esklużjoni tal-bejħi ristrett imwettqa minn din id-deċiżjoni. Kien biss f'Novembru 2004 li l-Qorti tal-Ġustizzja rrimedjat għal dan l-iżball billi naqqset il-multa imposta mid-deċiżjoni bi EUR 44,4 miljun. Madankollu, dan it-naqqis ma kkumpensax id-dannu mġarrab mir-rikorrenti minn Novembru 2007 sa Novembru 2014, liema dannu kien ikkawżat mill-fatt li għiet imposta fuqha multa eċċessiva, li ssuġġeriet li hija kellha responsabbiltà speċjalisti għall-akkordju tal-ħġieġ ċatt u li riżultat fi spejjeż finanzjarji addizzjonali. L-att illegali tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ġenerali kkawża għar-riorrent l-istess tliet tipi ta' telf imsemmija taħt l-ewwel motiv iżda għal perijodu itwal, jiġifieri minn Novembru 2007 sa Novembru 2014.

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2015 minn Patrick Wanègue mid-digriet mogħti fil-15 ta' Settembru 2015 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-21/15, Wanègue vs Il-Kumitat tar-Reġjuni**

**(Kawża T-682/15 P)**

**(2016/C 059/27)**

**Lingwa tal-kawża: il-Franċiż**

### **Partijiet**

Appellant: Patrick Wanègue (Dilbeek, il-Belġju) (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea